

Brussell, 2 ta' Lulju 2019
(OR. en)

10179/19

ECOFIN 637
UEM 237
SOC 488
EMPL 377
COMPET 515
ENV 608
EDUC 321
RECH 354
ENER 358
JAI 718
FSTR 137
REGIO 173

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	9952/19 - COM(2019) 526 final
Suġġett:	Rakkomandazzjoni għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Finlandja għall-2019 u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Finlandja għall-2019

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif rivedut u maqbul minn diversi kumitati tal-Kunsill, ibbażat fuq il-Proposta tal-Kummissjoni COM(2019) 526 final.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Finlandja għall-2019 u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Finlandja għall-2019

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

¹ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

Billi:

- (1) Fil-21 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li kien jimmarka l-bidu tas-Semestru Ewropew għall-2019 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Dan qies il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li ġie pproklamat mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fil-21 ta' Marzu 2019. Fil-21 ta' Novembru 2018, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx lill-Finlandja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha ssir analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fil-21 ta' Marzu 2019. Fid-9 ta' April 2019, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro³ ("Rakkomandazzjoni tal-2019 għaż-żona tal-euro") li tistabbilixxi ħames rakkomandazzjonijiet għaż-żona tal-euro ("ir-rakkomandazzjonijiet għaż-żona tal-euro").
- (2) Bħala Stat Membru li juża l-euro u fid-dawl tar-rabtiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, il-Finlandja jenħtieġ li tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-Rakkomandazzjoni tal-2019 għaż-żona tal-euro, kif inhi riflessa fir-rakkomandazzjonijiet (3) u (4) imsemmija aktar 'l isfel. B'mod partikolari, l-enfasi tal-politika ekonomika relatata mal-investment fuq l-oqsma speċifikati ser jgħinha tindirizza t-tieni rakkomandazzjoni taż-żona tal-euro fir-rigward tal-investment ta' appoġġ, u l-miżuri li jrażżnu d-dejn tal-unitajiet domestiċi ser jgħinuha tindirizza r-raba' rakkomandazzjoni fir-rigward tat-tnaqqis tad-dejn privat.
- (3) Ir-rapport tal-pajjiż għall-2019 tal-Finlandja ġie ppubblikat fis-27 ta' Frar 2019. Dan ivvaluta l-progress li għamlet il-Finlandja biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li ġew adottati mill-Kunsill fit-13 ta' Lulju 2018⁴, l-azzjoni li ttieħdet fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet tas-snin ta' qabel u l-progress tal-Finlandja biex tilħaq il-miri nazzjonali tagħha għall-Ewropa 2020.

² Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

³ ĠU C 136, 12.4.2019, p. 1.

⁴ ĠU C 320, 10.9.2018, p. 112.

- (4) Fl-4 ta' April 2019, il-Finlandja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2019 u l-Programm ta' Stabbiltà tagħha għall-2019. Sabiex jitqiesu r-rabtiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess ħin.
- (5) Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż ġew indirizzati fl-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ("Fondi SIE") għall-perijodu bejn l-2014 u l-2020. Kif inhu previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵, fil-każijiet fejn ikun meħtieġ li jingħata appoġġ għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru biex jirrieżamina l-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu u jipproponi emendi għalih. Il-Kummissjoni tat aktar dettalji dwar kif biħsiebha tuża dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri marbuta mal-effettività tal-Fondi SEI għal governanza ekonomika soda.

⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

- (6) Bħalissa l-Finlandja tinsab fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-Programm ta' Stabbiltà tagħha għall-2019, li ġie ppreżentat fuq il-bażi ta' ebda bidla fil-politiki mill-gvern preċedenti f'it qabel l-elezzjonijiet ġenerali f'April, il-gvern qiegħed jippjana bilanċ nominali ta' -0,3 % tal-prodott domestiku gross (PDG) fl-2019, li jirrappreżenta żieda miż-0,7 % tal-PDG fl-2018. Skont il-Gvern, fl-2020 il-bilanċ huwa mistenni jitjieb aktar u jilħaq iż-0 % u, minn hemm 'il quddiem, jerġa' jmur għall-aħgar fl-2021 fejn jilħaq -0,1 % u -0,3 % fl-2022. Abbażi tal-ikkalkular mill-ġdid tal-bilanċ strutturali⁶, l-oġettiv baġitarju ta' terminu medju, li jinsab stabbilit b'defiċit strutturali ta' 0,5 % tal-PDG, huwa mbassar abbażi ta' ebda bidla fil-politika li jkompli jiġi ssuperat matul il-perijodu tal-programm kollu, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-konċessjonijiet tal-2019 marbuta mal-implimentazzjoni tar-riformi strutturali li fir-rigward tagħhom ingħatat devjazzjoni temporanja. Il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern ġenerali, li laħaq massimu ta' 63,4 % fl-2015, naqas għal 58,9 % fl-2018. Skont il-Programm ta' Stabbiltà għall-2019, il-proporzjon tad-dejn ser ikompli jonqos u jilħaq is-57,4 % tal-PDG fl-2021. Huwa maħsub li jerġa' jiżdied għal 57,7 % tal-PDG fl-2022. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dan it-tbassir baġitarju jidher li huwa ġeneralment plawżibbli. Ir-riskji ewlenin għat-tbassir baġitarju huma relatati mal-possibbiltà tal-ispiża marbuta mat-tixji u inflazzjoni oġhla milli mistenni.
- (7) Fit-13 ta' Lulju 2018, il-Kunsill irrakkomanda li l-Finlandja tilħaq l-oġettiv baġitarju ta' terminu medju fl-2019, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-konċessjonijiet marbuta mal-implimentazzjoni tar-riformi strutturali li fir-rigward tagħhom ingħatat devjazzjoni temporanja. Dawn huwa konsistenti mar-rata tat-tkabbir nominali massima tan-nefqa primarja netta tal-gvern⁷ ta' 2,9 % fl-2019, li tikkorrispondi għal deterjorament permess ta' 0,2 % tal-PDG fil-bilanċ strutturali. Skont it-tbassir tar-rebbiegħa tal-2019 tal-Kummissjoni, il-Finlandja mistennija tilħaq l-oġettiv baġitarju ta' terminu medju tagħha fl-2019 filwaqt li tiġi kkunsidrata l-konċessjoni li ngħatat b'rabta mal-klawsola tar-riforma strutturali.

⁶ Il-bilanċ aġġustat ċiklikament li ma jinkludix ta' miżuri ta' darba u miżuri temporanji, ikkalkulat mill-ġdid mill-Kummissjoni permezz tal-metodoloġija maqbula b'mod komuni.

⁷ In-nefqa primarja netta tal-gvern tinkludi nefqa li teskludi n-nefqa tal-imgħax, in-nefqa fuq il-programmi tal-Unjoni kopert bis-sħiħ mid-dħul mill-fondi tal-Unjoni u t-tibdil mhux diskrezzjonali tan-nefqa fuq il-benefiċċji tal-qgħad. Il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss iffinanzjat nazzjonalment hija mifruxa fuq perijodu ta' erba' snin. Il-miżuri ta' dħul diskrezzjonali jew iż-żidiet tad-dħul b'mandat tal-liġi huma fatturati. Il-miżuri ta' darba fuq in-naħa kemm tad-dħul kif ukoll tal-nefqa huma esklużi.

- (8) Fl-2020, fid-dawl tad-distakk fl-output mistenni tal-Finlandja, li ser jilħaq iż-0,8 %, ir-rata tat-tkabbir nominali tan-nefqa primarja netta tal-gvern jenħtieġ li ma taqbiżx il-1,9 %, f'konformità mal-aġġustament strutturali ta' 0,5 % tal-PDG li jirriżulta mill-matriċi ta' aġġustament tar-rekwiżiti li ġiet maqbula b'mod komuni skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Skont it-tbassir tar-rebbiegħa tal-2019 tal-Kummissjoni abbażi ta' politiki mhux mibdula, huwa maħsub li fl-2020 il-Finlandja ser tkun f'riskju ta' ċerta devjazzjoni. Kumplessivament, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li l-Finlandja hija prevista tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fl-2019 u jeħtieġ li tkun lesta li tiegħu aktar miżuri li jiżguraw il-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fl-2020.
- (9) Minħabba l-popolazzjoni li qed tavvanza fl-età u l-ġhadd dejjem jonqos ta' ħaddiema, in-nefqa fuq il-pensjonijiet, is-saħħa u – speċjalment – il-kura soċjali (il-kura fit-tul) hija maħsuba li ser tiżdied fid-deċennji li ġejjin. Skont ir-Rapport dwar is-Sostenibbiltà Fiskali għall-2018, iż-żieda prevista fl-ispejjeż marbuta mat-tixjiħ jirrikjedu konsolidazzjoni fiskali li tammonta għal 2 % tal-PDG sabiex il-proporzjon tad-dejn għall-PDG fit-tul jiġi stabilizzat. It-tnejn għal riforma tal-gvern reġjonali, tas-servizzi tas-saħħa u s-servizzi soċjali, mfassla biex tindirizza dawn l-isfidi u biex jiġi żgurat aċċess ugwali u jitnaqqsu l-ħinijiet ta' stennija, twaqqfu minħabba r-riżenja tal-Gvern fit-8 ta' Marzu 2019. Il-proporzjon ta' ħtiġijiet mediċi mhux ssodisfati awto dikjarati fil-Finlandja għadu oġġa mill-medja tal-Unjoni. B'mod partikolari, il-persuni li mhumie x jaħdmu qegħdin isibuha diffiċli biex jingħataw il-kura medika minħabba listi ta' stennija twal.
- (10) Is-suq tax-xogħol Finlandiż qiegħed jiċkien hekk kif il-popolazzjoni fl-età tax-xogħol qiegħda tonqos u l-livelli tal-postijiet battala jiżdiedu. Fl-istess waqt, ir-rati tal-attività u tal-impjieg fil-Finlandja huma aktar baxxi milli fil-pajjiżi Nordiċi l-oħrajn u fl-2018 il-qgħad strutturali kien ta' 7 %. Dan jirrifletti parzjalment in-nases tal-inattività u tal-qgħad li jostakolaw użu aħjar tal-forza tax-xogħol. L-ostakli li qed iżommu n-nies lura milli jaħdmu jinkludu s-sistema kumplessa ta' benefiċċji u t-taħlita ta' tipi differenti ta' benefiċċji. Il-benefiċċji qed jinqatgħu malajr hekk kif jiżdied l-introjt, u dan joħloq sitwazzjoni fejn is-sejbien ta' xogħol jaf ma jkunx attraenti biżżejjed min-naħa finanzjarja. L-inċertezza fir-rigward tal-livell tal-benefiċċji u meta jerġgħu jinbdeu jingħataw tnaqqas il-ħajra għal xogħol għal żmien qasir jew part-time. Ir-riżultati preliminari tal-esperiment tal-introjt bażiku ġew ippubblikati fi Frar 2019 u jipprovdu informazzjoni dwar ir-reviżjoni tas-sistema tas-sigurtà soċjali sabiex il-benefiċċji jinbdeu jiġu kkombinati mad-dħul b'mod aktar effettiv.

- (11) L-investimenti fl-inklużjoni attiva, speċjalment ta' gruppi li l-aktar huma maqtugħa mis-suq tax-xogħol, huma meħtieġa biex tiżdied ir-rata tal-parteċipazzjoni issa li r-rati tal-attività u tal-impjieg qorbu lejn il-livelli ta' qabel il-kriżi. Ir-riformi komprensivi bil-ġħan li titrawwem il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol jistgħu jwasslu biex ċerti gruppi jingħataw opportunitajiet aħjar fis-suq tax-xogħol. Dan jikkonċerna l-persuni li ġejjin minn kurrent ta' migrazzjoni, in-nisa fl-età riproduttiva, l-irġiel b'livell baxx ta' ħliet, il-persuni li jistgħu jaħdmu parzjalment u l-persuni b'diżabilità. Xi servizzi għan-nies qiegħda u inattivi huma maqsuma bejn awtoritajiet u fornituri differenti. Dan il-grupp jistgħu jiġu meġġuna biex jingħaqdu jew jibqgħu fis-suq tax-xogħol permezz ta' servizzi u politiki ta' attivazzjoni u riabilitazzjoni apposta u integrati. Iż-żmien twil li n-nisa jgħaddu jindukraw jikkontribwixxi għad-differenza fl-impjieg bejn in-nisa u l-irġiel u għad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa. Il-gvern beda proċess ta' riforma tal-liv tal-familja iżda waqaf nofs triq.
- (12) L-iżgurar ta' provvista ta' ħaddiema fi żminijiet ta' bidla demografika u teknoloġika hija importanti ħafa għat-trawwim ta' tkabbir sostenibbli u inklużiv fil-Finlandja. L-investment fil-ħliet, speċjalment daww li huma rilevanti għas-suq tax-xogħol, ikun utli għat-tħejjija għall-isfidi li ser jinħolqu minħabba l-bidla strutturali fl-ekonomija. Il-bidla teknoloġika ssejjaħ għal taħriġ kontinwu u taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema permezz ta' modi ta' tagħlim flessibbli, fosthom billi tingħata enfasi fuq it-tagħlim, l-edukazzjoni u t-taħriġ tal-adulti. Dan jenħtieġ li jżid il-mobbiltà okkupazzjonali, inaqas l-ispariġġ fil-ħliet u jgħin biex jinkisbu l-ħtiġijiet tal-ġejjieni tas-suq tax-xogħol.
- (13) Il-Finlandja tinsab f'riskju li ma tilħaqx il-mira ta' 50 % tar-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali sal-2020. B'mod partikolari, aktar skart muniċipali qiegħed jiġi inċinerat (60 % fl-2017 meta mqabbel ma' 55 % fl-2016).
- (14) Filwaqt li n-nefqa pubblika fuq ir-riċerka u l-iżvilupp issa qiegħda tistabbilizza, mill-2009 l-Finlandja esperjenzat l-akbar tnaqqis fost l-Istati Membri kollha fir-rigward tal-investment tas-settur privat fir-riċerka u l-iżvilupp. Minkejja li f'dawn l-aħħar snin is-sitwazzjoni makroekonomika qalbet għall-aħjar, l-investment tas-settur privat fir-riċerka u l-iżvilupp għadu ma rkuprax. Intensità għolja ta' investment fir-riċerka u l-iżvilupp hija fattur fundamentali li jippermetti bidla strutturali favur is-setturi tal-ekonomija b'għarfien intensiv u jsaħħaħ il-potenzjal tat-tkabbir fit-tul. Barra minn hekk, il-kooperazzjoni bejn l-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja u s-settur tan-negozji għadha waħda mid-diffikultajiet prinċipali li jaħdmu kontra l-istimolu tal-innovazzjonijiet u li dawn jinġiebu fis-suq.

- (15) B'popolazzjoni mifruxa, il-konġestjonijiet fit-trasport jistgħu jostakolaw lin-nies milli jiċċaqilqu biex isibu xogħol. L-investment strateġiku fl-infrastruttura tat-trasport jaf itejjeb il-mobilità tal-forza tax-xogħol u għaldaqstant isahha il-funzjonament tas-swieq tax-xogħol. Fl-istess waqt, billi l-ispejjeż tat-trasport iħallu impatt relattivament kbir fuq il-prezz finali tal-prodotti fil-Finlandja meta mqabbla ma' Stati Membri oħra, l-interkonnessjonijiet tal-infrastruttura jistgħu jtejbju l-aċċess għal swieq barranija.
- (16) L-investment strateġiku fid-dekarbonizzazzjoni tal-industriji li jużaw ħafna enerġija u tas-settur tat-trasport jgħin biex jintlaħqu l-għanijiet ekonomiċi u klimatiċi fit-tul. Il-Finlandja tinsab minn ta' quddiem fl-innovazzjoni ta' enerġija nadifa u fir-riċerka u l-iżvilupp privati f'dan il-qasam. Jekk, f'konformità mal-impenji li ħadet il-Finlandja, jiżdied l-investment f'ċerti programmi ta' enerġija nadifa sal-2021, il-pajjiż tkun jista' jilħaq l-oġġettivi tan-newtralità f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju. Minbarra l-oġġettivi ambizzjużi tal-Finlandja biex iżżid is-sehem ta' bijokarburanti, l-elettrifikazzjoni hija għażla kosteffiċjenti għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport, meta jitqies li d-dekarbonizzazzjoni tal-ġenerazzjoni tal-elettriku avvanzat sew.
- (17) Ir-rati baxxi tal-imgħax u l-perspettiva ekonomika mtejbja żiedu l-volum kumplessiv tas-self, speċjalment permezz ta' kumpanniji tal-akkomodazzjoni (li jipprovdu sura differenti ta' sjieda ta' dar). Fl-istess ħin, il-kreditu għall-konsumatur qiegħed jiżdied b'pass mgħaġġel u sehem dejjem jiżdied ta' dan is-self jingħata minn banek barranin, istituzzjonijiet finanzjarji li ma jkunux istituzzjonijiet ta' kreditu, kumpanniji ta' self ta' ammonti żgħar u self bejn il-pari. Id-dejn tal-unitajiet domestiċi għalhekk għadu f'livell storikament għoli (67 % tal-PDG fl-2017). Il-parti l-kbira tad-dejn hija b'rata varjabbli, li jikkostitwixxi riskju jekk ir-rati tal-imgħax jiżdiedu fuq terminu medju. L-Awtorità Superviżorja Finanzjarja Finlandiża adottat għadd ta' miżuri biex tikkontrolla ż-żieda tad-dejn tal-unitajiet domestiċi. Madankollu, it-tnaqqis attiv tal-piż tad-dejn mhux mistenni jseħħ dalwaqt, speċjalment għaliex ir-rati tal-imgħax għadhom baxxi u l-kunfidenza tal-konsumaturi għadha relattivament b'saħħitha.
- (18) F'dan l-istadju, il-Finlandja ma għandhiex reġistru komprensiv dwar il-kreditu (jiġifieri wieħed li jiġbor l-informazzjoni pożittiva u negattiva dwar id-debituri) li jkopri l-banek maġġuri tagħha. In-nuqqas ta' dan jipprevjeni lill-banek milli jkollhom stampa ċara tad-dejn kumplessiv tal-entitajiet domestiċi. Is-sena li għaddiet sar xi xogħol preparatorju biex jinholq reġistru ta' dan it-tip.

- (19) L-ipprogrammar tal-fondi tal-Unjoni għall-perijodu bejn l-2021 u l-2027 jista' jgħin biex jiġu indirizzati uħud min-nuqqasijiet li ġew identifikati fir-rakkomandazzjonijiet, partikolarment fl-oqsma koperti mill-Anness D tar-rapport tal-pajjiż għall-2019. Dan jippermetti li l-Finlandja tuża tajjeb il-fondi fir-rigward tas-setturi identifikati b'kunsiderazzjoni tad-diskrepanzi reġjonali.
- (20) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew għall-2019, il-Kummissjoni għamlet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Finlandja u ppubblikatha fir-rapport tal-pajjiż għall-2019. Ivvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà għall-2019 u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2019 u s-segwitu li sar dwar ir-rakkomandazzjonijiet li ġew indirizzati fil-Finlandja fis-snin ta' qabel. Il-Kummissjoni qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għal politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Finlandja imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika globali tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni fid-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.
- (21) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà għall-2019 u l-opinjoni tiegħu⁸ hija riflessa partikolarment fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li fl-2019 u fl-2020 il-Finlandja tieħu azzjoni biex:

1. Tiżgura li r-rata tat-tkabbir nominali tan-nefqa primarja netta tal-gvern għall-2020 ma taqbiżx il-1,9 %, li jikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 0,5 % tal-PDG. Ittejjeb il-kosteffettività tas-servizzi soċjali u tal-kura tas-saħħa kif ukoll l-aċċess imparzjali għalihom.
2. Ittejjeb l-inċentivi biex ix-xogħol jiġi aċċettat minn ħaddiema prospettivi u ttejjeb il-ħiliet u l-inklużjoni soċjali, prinċipalment permezz ta' servizzi integrati tajjeb għall-persuni qiegħda u inattivi.
3. Tiffoka l-politika ekonomika relatata mal-investment fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni, il-livelli baxxi ta' emissjonijiet ta' karbonju u t-transizzjoni tal-enerġija u t-trasport sostenibbli, filwaqt li tqis id-diskrepanzi reġjonali.

⁸ Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

4. Issaħħaħ il-monitoraġġ tad-dejn tal-unitajiet domestiċi u tistabbilixxi sistema ta' reġistru tal-kreditu.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
